MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 35/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Salvinu Oliva**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm610.66c (sitt mija u ghaxar liri Maltin u sitta u sittin centezmu) rapprezentanti konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, u konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 221, Triq Ghajn Dwieli, Paola.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li giet ipprezentata Nota ta' Riduzzjoni tas-sorte stante pagament fil-mori.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Guido Pace Spadaro li kkonferma li l-ammont bilancjali ta' Lm282.94c (mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu) ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm282.94c (mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------